Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 36/2016

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Alexander Ciantar u l-istess Alexander Ciantar** (appellati)

**Vs**

**L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Birgu** (appellant)

21 ta' Ottubru, 2016.

1. Il-Kunsill Lokali Birgu appella minn decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg li sabitu responsabbli ghall-hsara li saret fl-10 ta' Awissu 2012 fuq il-vettura HBE464, meta waqt li kienet ipparkjata fi Triq il-Kwartier fuq il-Fortini, Birgu waqghat parti minn sigra ghal fuqha. L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta giet dikjarata mhux legittimu kontradittur ghaliex ma kinitx responsabbli ghat-triq fejn sehh l-incident.

2. L-aggravji hu li mill-provi rrizulta li dak li gara kien purament fortuwitu u b'hekk il-kunsill m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-hsara li garrbet il-vettura.

3. L-appellati pprezentaw risposta fejn fihom taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud (fol. 10 u 21).

4. M'hemmx prova certa ta x'wassal biex parti minn sigra waqghat fuq il-vettura tal-appellat.

5. It-triq fejn sehh l-incident jaqa' taht ir-reponsabbilta tal-appellant. Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 gie verbalizzat li t-triq fejn sehh l-incident kienet taqa' taht ir-responsabbilta tal-appellant.

6. L-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

   *"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espresso tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."*

7. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Valenzia nomine vs Camilleri** (27 ta' Gunju, 2003):

*"Izda il-koncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principji tad-Dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-'bonus pater familias.* ***Isegwi li jekk jirrizulta xi nuqqas tal-bniedem din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.****"*

Hekk ukoll din il-qorti fis-sentenza **Vella vs Cilia** (23 ta' Gunju, 2004) qalet:

*"...... il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Intqal ukoll illi biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja. Kif, ex abundantia, rilevat il-prova tal-fortuwitu jew tal-kawza estranea tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonatrici. Sta ghalih li jipprova li l-kawza fortuwita serviet biex tinterrompi l-kollegament bejn il-kolpa addebitata u l-event dannuz. Tinsorgi ghalhekk fil-kaz prezenti d-domanda jekk dak li sehh kienx ir-rizultat ta' kawza fortuwita inevitabbli fis-sens li wiehed ma setax ikun mistenni li* ***jiehu mizuri preventivi kontra dak li ma setax normalment jigi prevedut****. Jispetta ovvjament lill-gudikant li jevalwa r-rizultanzi processwali."*

8. Ladarba l-Kunsill Lokali nvoka l-kaz fortuwitu, l-oneru tal-prova kien fuqu. Fir-rapport tal-pulizija jinghad li dakinhar tal-incident:

*"Il-Pulizija marret fuq il-post fejn hemm hekk sabet lill-imsemmija vettura illi kellha* ***sigra kbira fuqha****. Ma jistax jigi stabbilit ezatt kif setat waqghat din is-sigra ghal fatt illi mhux rih u ghalhekk jista' jkun li din waqghat biz-zmien."*

9. Il-fatt wahdu li waqa' zokk kbir mis-sigra m'huwiex prova li sehh kaz fortuwitu. Zkuk tas-sigar ma jaqghux minn sigra bla raguni. Hekk ukoll 'il fatt wahdu li dawn it-tip ta' incidenti m'humiex daqstant komuni, ma jfissirx li l-incident sehh minhabba kaz fortuwitu.

10. Tania Belfiore, segretarju ezekuttiv tal-kunsill, xehedet: *"Fil-passat, xi snin ilu, l-Kunsill xtaq jisbghor dawn is-sigar fl-istess akkwati stante li goffi, izda huwa prekluz milli taghmel hekk stante li huma sigar portetti. Il-Kunsill Lokali ghamel diversi talbiet izda ma hargu ebda permessi jew feedback."* F'dan ir-rigward ma tressqux provi dokumentarji, u lanqas ma nghata taghrif dwar id-data meta suppost saret l-applikazzjoni. Lanqas m'hemm prova li l-Kunsill ha xi passi, jekk hu veru li l-permessi baqghu ma hargux. L-applikazzjoni li setat saret ma tiskolpax lill-kunsill mir-responsabbilta. Il-Kunsill Lokali kellu d-dmir li jkun pro-attiv, jekk hemm bzonn billi jiehu mizuri li jinkludu li jizola dawk il-partijiet li ghal fuqhom jesporgu l-frieghi tas-sigar li kellhom bzonn jinqatghu.

11. L-attur xehed:

*"Nikkonferma li s-sigra ghadha hemm sal-gurnata tal-lum …. Nikkonferma li mis-sigra waqghat fergha biss.*

*Jien mort l-ghada u f'ghajnejja deher li l-frieghi kienu jidhru tqal wisq u rajt il-fergha maqsuma."*

Jekk iz-zokk waqa' minn fuq is-sigra minhabba t-toqol tal-frieghi, iktar u iktar ghandu jwiegeb il-Kunsill ghall-hsara li saret fuq il-vettura ta' Ciantar. Hu essenzjali li sigar li hemm fit-toroq, minn zmien ghal zmien jigu ezaminati biex minnhom jitnehhew dawk il-partijiet li fihom hsara, jew li huma mejta, morda jew li minhabba d-daqs tal-frieghi jkunu ta' periklu. Sfortunatament f'pajjizna tonqos kultura ta' sahha u sigurta. Hu essenzjali li jigi ppjanat programm ta' spezzjoni li jassigura li s-sigar f'postijiet pubblici huma spezzjonati kemm hu necessarju. Spezzjoni li ghandha ssir minn persuni li jifhmu fil-qasam tas-sigar u dan ghandu jwassal biex isir *risk assessment*. Il-Kunsill kellu l-obbligu li jiehu passi ragonevoli biex inaqqas ir-riskji. M'huwiex bizzejjed li l-Kunsill jargumenta li:

*"Kemm l-atturi u kif ukoll il-konvenuti ghadhom sal-gurnata tal-lum ma jafux x'wassal ghall-fergha sabiex taqa'. Isegwi li l-Kunsill ma kienx b'mod ragonevoli mistenni li jkun jaf li l-fergha tas-sigra kien f'periklu li jaqa' u b'hekk ma seta qatt jipprevedi dan l-incident."*

Hu proprju ghalhekk li hemm il-bzonn li minn zmien ghal zmien issir spezzjoni minn persuna li tifhem f'dan il-qasam, bhal *arborist*. Hu evidenti li fil-kaz in ezami dan l-ezercizzju ma kienx qieghed isir mill-Kunsill. Ghalhekk min-nuqqas tieghu stess il-Kunsill ma jistax jipprova jinheba wara l-kuncett ta' kaz fortuwitu. L-incident sehh mhux minhabba kaz fortuwitu izda minhabba li l-Kunsill baqa' passiv u ma kien qiegħed jagħmel l-ebda xogħol ta' manutenzjoni fis-sigar. Il-qorti taqbel mal-appellati li:

*"kieku l-Kunsill appellant qeda d-dmir tieghu ta' manutenzjoni tas-sigar in kwistjoni b'diligenza ordinarja, dan l-incident certament ma kienx isehh – u kwindi ma tista' qatt tirnexxi d-difiza ta' kaz fortuwitu f'dan il-kaz."*

12. Fir-rikors tal-appell il-Kunsill ghamel ukoll riferenza ghar-regolament 8 tal-2010 dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq (Ligi Sussidjarja 499.57). Meqjus dak li nghad hawn fuq, il-Kunsill Lokali kellu jkun jaf bil-kundizzjoni li fiha kienet is-sigra li minnha waqghat parti ghal fuq il-vettura ta' Ciantar. Sigra li qeghda f'post pubbliku, ma' gemb futbol grownd.

Ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jwiegeb ghall-hsara li saret fuq il-vettura ta' Ciantar fl-incident meritu tal-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-Kunsill Lokali tal-Birgu.**

Anthony Ellul.